**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 31 ta' Jannar, 2018

**Il- Pulizija**
**(Spettur Nikolai Sant)**

**-vs-**

**Jonathan Attard, detentur tal-karta ta' l-identita` bin-numru 182679M**

***Kumpilazzjoni Nru. 549/2017***

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat Jonathan Attard u ċioè talli:

Bejn il-5 t'Ottubru 2017 u s-6 t'Ottubru, 2017 f'San Gwann -

1. Ikkometta serq ta' vettura tat-tip Suzuki bin-numru ta' registrazzjoni WJH887 ghad-dannu ta' Carmelo Ciantar minn San Gwann, liema serq hu kwalifikat bil-mezz, valur, hin u xorta tal-haga misruqa;
2. Ikkometta serq ta' diversi ghoddod u affarijiet ohra fosthom Stanley aluminium machine, Stanley circular saw, grinder, skill varspeed u diversi ghoddod u oggetti ohra ghad-dannu ta' Carmelo Ciantar minn San Gwann, meta l-oggetti misruqa kienu jiswew aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erba u disghin centezmu (232.94) izda mhux izjed minn elfejn tlett mija u disa

u ghoxrin euro u sebgha u tlettin centezmu (2,329.37), u ghalhekk aggravat bil-valur, mezz u bil-hin;

3. Ikkometta hsara fuq vettura bin-numru ta' registrazzjoni WJH887.

Rat li waqt l-udjenza tallum mizmuma minn din il-Qorti l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) ta' l-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-Artikolu 392A(1) tal-istess Kapitolu, u cioe' wara li l-imputat wiegeb li hu hati ghall-akkuzi migjuba fil-konfront tieghu, din il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u nghata zmien xieraq sabiex jekk irid jerga lura minnha.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:
Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata tieghu, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu kif minnu ammessi.

Illi t-tielet imputazzjoni serviet ta' mezz ghal fini tal-ewwel imputazzjoni;

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li jinsab akkuzat bihom l-imputat, l-ammissjoni ferm bikrija tieghu, il-fatt li l-imputat wera x-xewqa li hekk kif johrog mill-habs ikun jista' jikkumpensa lill-parte leza fl-ammont minnu misruq, tal-fatt li l-parte leza ddikjara li lest jistenna li jigi kkumpensat. Giet ikkunsidrata wkoll il-fedina penali mtappna tieghu kif ukoll ic-cirkostanzi tal-kaz. Aktar milli tigi imposta piena karcerarja l-Qorti thoss li l-imputat ghandu jinghata opportunita` li bl-ghajnuna jeghleb il-vizzju tieghu li xprunah jikkometti delitti simili u ghalhekk tqis li b'supervizzjoni stretta li ghandha timbeda mill-ewwel, kif ukoll b' ordni ta' trattament li jindirizza l-problemi

tieghu, l-imputat ghadu bic-cans li jiddritta l-moghdijiet tieghu w jirriforma ruhu.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti wara li rat l-artikoli 17(b)(h), 20, 31, 261(b)(c)(f)(g), 263, 267, 270, 271(g), 278(3), 279(a), 280(2) u 325 (1) (c) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu, u tikkundannah tnejn u ghoxrin (22) xahar prigunerija li bl-applikazzjoni ta' l-artikolu 28A tal-Kapitolu IX ta' l-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett snin millum.

In oltre' ai termini tal-Artikolu 28G(1) tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qieghda tpoggi lill-hati taht ordni ta' supervizjoni ghal tlett snin u flimkien ma' din is-sentenza qieghda tannetti d-digriet dwar dan l-Ordni u tiddikjara illi dan l-Ordni ghandu jifforma parti integrali minn din is-sentenza.

A tenur tal-artikolu 412D tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tpoggi lill-hati taht Ordni ta' Trattament ghal zmien tlett (3) snin sabiex jinghata l-ghajnuna kollha necessarja sabiex jeghleb il-vizzju tad-droga inkluz dik psikologika jekk hekk mehtieg.

Finalment wara li rat l-artikolu 532A tal-Kapitolu IX tal-Ligijiet ta' Malta, moqri flimkien mal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, tordna lil hati jhallas lil-parte leza is-somma ta' €1,110 fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza kif ukoll jekk ma jsegwix id-direttivi li se jinghatawlu fil-perjodu ta' supervizjoni jew jekk jikser l-ordni ta' trattament fuqu imposti.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**
**Magistrat**